**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 31**

**Data:** **28 ta' Settembru, 2021**

**Hin:** **08.40am**

**Post:** **Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb**

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Louis Apap* | *Vici Sindku* |
| *Tonio Mifsud* | *Kunsillier* |
| *Joseph Mizzi* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

**AGENDA**

31.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;

31.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

31.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

31.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

31.5 Korrispondenza u Rapporti;

31.6 Korsijiet ghax-xitwa;

31.7 Attivitajiet ghat-tlett xhur li gejjin;

31.8 Xogholijiet u Progetti;

31.9 Materji ohra;

31.10 Skeda ta' Pagamenti;

31.11 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

---

**31.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

**31.1.1** Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-Kunsillier Miriam Borg kienet bghatet email biex titlob li tigi skuzata mil-laqgha peress li kienet tinsab kwarantina minhabba l-Covid-19. Il-Kunsill qabel unanimament li Miriam Borg ghandha tigi skuzata.

**31.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

31.2.1 Il-Minuti gew approvati bhala dokument korrett.

**31.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

31.3.1 Is-Sindku semma li mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali hareg Espressjoni ta' Interess ghal zmien il-Milied bin-numru SPI/SCI/6/2021 fejn il-Kunsilli qeghdin jigu inkuraggjati johrog idejat li jistghu jigu organizzati ghal zmien il-Milied. Din il-materja giet diskussa fejn fost ohrajn Tonio Mifsud issugerixxa li jsir Prespju Haj fi Sqaq l-Arcipriet u s-Sindku ssugerixxa ukoll diversi attivitajiet fosthom tqassim ta' Christmas Hampers fil-lokalita', Suq tal-Milied li jista' jsir bil-kollaborazzjoni tal-Kumitat tal-festa, Attrazzjonijiet ta' dawl inkluzi light show bi projezzjoni fuq il-Knisja, Wirjiet u Ezebizzjonijiet, kant ta' korijiet, Father and mother Christmas fejn issir booth ghar-ritratti, zjarat u ikliet lill-anzjani, rakkolti tas-suf tan-nghag, tghalim dwar l-irwiegel, tisjir ta' mulled wine li huwa relatat mall-Milied, tizjin tal-grotta. Apparti dan is-Sindku ssugerixxa ukoll li jigi kkuntatjat l-Arcipriet sabiex terga' tibda' ssir il-purcissjoni bil-bambin mill-abbatini. Il-Kunsill kompla jesplora idejat ohra li jistghu jigu sottomessi fl-applikazzjoni. Gie innotat li l-estimi juru li l-attivitajiet marbuta ma' dawn l-applikazzjoni huma stmati madwar €51,600. Ghaldaqstant il-Kunsill qabel li ghandu jissottometti l-applikazzjoni tieghu.

313.2 Giet trattata skema ohra li qeghda tigi mnedija mil-LESA. Gie spjegat li s-sena precedenti l-Kunsill kien diga tefa' l-applikazzjoni tieghu fejn kien inkluda il-bring-in-sites u e-bikes. Il-Kunsill qabel li ghandu jerga' jissottometti l-applikazzjoni tieghu f'dan ir-rigward biex tkun installata bring in sites taht l-art u jinxtraw aktar muturi.

31.3.3 Is-Sindku semma ukoll il-korsijiet tal-Brejku li jidher li ma tantx kien hemm interessati. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja fejn Tonio Mifsud staqsa meta jsiru dawn fejn gie spjegat li bhala gurnata mahsuba hija s-Sibt pero' dan jigi diskuss wara l-ewwel lezzjoni bejn l-ghalliema u l-istudenti. Il-Kunsill qabel li ghandu jerga' johrog dan l-avviz.

31.3.4 Bhala korsijiet ohra gie spjegat li hemm diversi korsijiet tal-lifelong learning li ser jigu organizzati fil-Kunsill tal-Gharb fosthom tal-weaving, tal-Malti ghall-barranin u tal-hjata. Is-Sindku semma ukoll li Joseph Mizzi kien semma l-kors tas-systems of knowledge fejn gie diskuss kif u meta jsir jsir fejn il-Kunsill qabel li ghandu jikkuntatja lil wiehed mill-ghalliema u dan jigi deciz ma' l-ghalliema involuti.

31.3.5 Is-Sindku spjega li kif diskuss fl-laqghat precedenti kien gie diskuss li l-librerija ghandha tigi rinovata. Kien ghalhekk li intalbet kwotazzjoni u ingabet kwotazzjoni minn disenjatur lokali, Sarah Ann Curmi fejn din tat stima ta' €1300 disinn normali u €1600 disinn li jkun 3D. Id-disinjatur ser tkun qeghda tiehu hsieb kollox inkluz dawl, kulur, madum, ecc. Il-Kunsill qabel li x-xoghol ghandu jsir minn Sarah Ann Curmi u jsir 3D fejn dan ikun jista' jintuza anke ghal promozzjoni.

31.3.6 Gie spjegat li s-Segretarju Ezekuttiv u l-impjegati tal-Kunsill kien ghad fadlilhom xi vacation leave li minhabba impenji ta' xoghol mhux ser ikun ittiehed sa l-ahhar tas-sena. Fil-prezent kien ghad fadlilhom hekk segwenti Segretarju Ezekuttiv 182, Assistant Principal 171.75 u skrivan 122.00. Il-Kunsill qabel li l-Vacation Leave li jibqa' pendenti ghandu jizdied ma' tas-sena d-diehla.

**31.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

31.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

**31.5 Korrispondenza u Rapporti**

31.5.1 Gew trattati l-applikazzjoni ta' zvilupp mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar numru PA/05955/21, PA/06007/21, PA/04241/21, PA/06082/21, PA/06088/21, PA/06113/21 u PA/06261/21.

**31.6 Korsijiet ghax-xitwa**

Rigward il-korsijiet tal-life long learning kien innutat li l-kors tan-newl ma jistax isir fil-kumpless sportiv minhabba ix-xogholijiet li ghaddejin hemm. Ghal dan il-ghan kien suggerit li jinkera garage fil-vicinanzi tal-Kunsill sabiex isir minn hemm. Il-Kunsill qabel unanimament.

**31.7 Attivitajiet ghat-tlett xhur li gejjin**

31.7.1 Gie spjegat li bejn il-15 u 17 ta' Ottubru ser jigi organizzat il-Kite and Wind Festival. Il-kordinatur kien diga sab il-persuni interessati u li ser jiehdu sehem fil-festival ta' din is-sena. Fil-prezent il-Kunsill kien ghaddej bil-logistika tal-festival fosthom akkomodazzjoni, ikel, transport, toroq, tabelli. Is-Sindku spjega li jista' jkun li l-ewwel gurnata tal-festival tigi organizzata gewwa r-Rabat – Ghawdex.

9.09am Is-Sindku ssuspenda l-laqgha ghal xi hin.

10.23am Il-laqgha tkompliet bl-agenda.

10.23am Is-Sindku spjega li kien hemm persuni, residenti fl-Gharb li xtaqu li jiltaqghu mall-Kunsill biex jitkellmu mall-Kunsill fuq l-applikazzjoni li tinsab quddiem l-Awtorita' tal-Ippjanar bin-numru PC0038/20. Il-Kunsill laqa' t-talba u dawn dahlu

10.23am Dahlu ghal-laqgha xi persuni residenti li xtaqtu jipprezentaw l-ilment taghhom. Is-Sindku spjega lir-residenti li ghal-laqgha ser jidhlu dawk il-persuni skond il-lista li bghatet Dr. Bonello. Is-Sindku talab ghal kalma u qal li l-Kunsill qieghed hawn biex jisma lir-residenti wiehed wiehed. Gie spjegat li waqt il-laqgha jitkellmu biss bil-permess tas-Sindku u dawk li huma residenti.

Beda jitkellem is-Sur Bernard Storace fejn huwa qal li bhala residenti gew sorprizi li fuq bicca injama gewwa ghalqa raw l-applikazzjoni ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar u li hemm biss sas-27 ta' Ottubru fejn wiehed jista' joggezzjona ghall-proposta' ta' triq fejn art agrikola ser tinbidel fi triq u jsir zvilupp. Jidher li l-izviluppatur qieghed jipproponi li jaghmel zvilupp f'din iz-zona. Huwa qal li din l-art hija ta' madwar 15 il-persuna li huma mill-Gharb u minn taghrif li ghandu jidher biss bniedem wiehed. Hu staqsa kif jista' japplika bniedem wiehed ghall-persuni l-ohra kollha. Haga ohra huwa li m'hemmx sigar mentri hemm tlieta u li hemm ukoll rubble walls. Huma qed jogezzjonaw li jsir zvilupp anke peress li t-triq iggib bini iehor peress li dawn hemm il-possibilita' li jitilghu flats u anke supermarket. Huwa sostna li l-art hija kollha ODZ. Huwa qal li z-zewg partiti politici qed jikkritikaw il-kostruzzjoni peress li qed isir hafna bini li mhux qed jinbiegh u li l-pajjiz jaghmillu hazin li m'hemmx *open spaces*. Huwa qal li warajhom m'hemmx traffiku u qeghdin sewwa kif inhuma. Huwa qal li kull ma talab huma li jsiru mirja u bhala incidenti kull ma kien hemm f'20 sena li ilu jghix hawn huwa wiehed biss li jiftakar. Il-problema li tinholoq minhabba l-parkegg ghax ma jkunux jistghu jghaddu. Huwa qal li huma qed joggezzjonaw li dan jibni ghax dan huwa kollu profit. Huwa qal li huwa gie joqghod hawn ghax ihobb Ghawdex u jhobb joqghod hawn. Hu qal li hu jixtieq li l-affarijiet jitkomplew hekk.

Is-Sindku qal li huwa spjega dak li kien qed jigi propost u ma jfissirx li l-Kunsill qed jaqbel mall-proposta. Fir-realta' jidher li l-gholi tal-bini huwa ta' zewg sulari fuq naha minnhom u mhux fuq z-zewg nahhat. Fl-applikazzjoni qed tipproponi li tinfetah triq u li jsir zvilupp. L-applikazzjoni saret minn persuna wahda peress li dan qieghed fit-tarf taz-zona pero ghazel li japplika ghat-triq u din ser tniffed minn Triq Birbuba ghal Triq Patri Albert

Caruana. Bhalissa ma jidhirx li hemm applikazzjoni ohra. Is-Sindku qal li huwa l-obbligu tal-Kunsill li jisma' lir-residenti sabiex ikun f'posizzjoni li jiddiskuti b'mod aktar miftuh. Is-Sur Storace qal li l-persuna li kitbet l-applikazzjoni ghandu zewg plots u n-nofs huwa ta' kulhadd. Gie spjegat li l-plots huma ta' sidien differenti pero' ta' familja wahda. Residenta ohra qalet li vera qed jigi applikat ghal naha minnhom pero' 'il quddiem ma tafx x'ser jigri. Hija qalet li taf li t-triq hija dejqa u ghall-Kunsill huwa ahjar li tinfetah triq pero' hija qalet li tkompli tibni mhix soluzzjoni ghax tkompli zzid u zzid it-traffiku. Hija qalet li x'jigri bl-influs tal-karrozzi extra ghax ser tizdied il-problema tat-traffiku u tal-parkegg u trid tara hafna aktar affarijiet anke x'tip ta' propjeta' ser jizdied. Hija qalet li s-serenita' u t-trankwilita' ser tintilef u kulhadd ghandu d-dritt li jghix fit-trankwilita'. Apparti dan din hija zona odz barra l-flora u l-annimali li jghixu fiz-zona li jigu affettwati. Hija qalet li l-Gharb huwa zona kwazi protetta u trankwilla. Fl-2006 diga saret rigenerazzjoni fejn il-gvern ippjana u certu zoni li kienu odz dahlu fl-iskema. Hija insistiet li jekk dan l-izvilupp kbir jigi approvat ser jibdel is-sabih kollu taz-zona. Hija qalet li taf li hemm il-parti fl-entratura li hija dejqa pero' bhala residenti m'ghandhomx bzonn ghax dan ifisser li tittiehed art odz u l-izvilupp li qed isir mhux sewwa. Hija qalet li dan l-izvilupp ser ibiddel lir-rahal ghax fil-futur ser jaghti dehra ohra lir-rahal. Is-Sur Storace qal li l-ambjent ser jinqatel b'dan l-izvilupp ghax hu qal li t-triq il-gdida ser issir mhux biex isir zvilupp biss imma ghall-flus. Huwa qal li l-parti d-dejqa mhux tikkreja problema ghax is-servizzi kollha qed jinghataw. Huwa qal li ghar-residenti u ghall-futur ta' l-Gharb mhux bzonnu u mhux tajjeb. Ir-residenta staqsiet kif iktar zvilupp jista' jaghti dehra ahjar lil-lokalita'. Hija qalet li Malta hekk qed jigri jifthu triq gdida u jibda' jsir zvilupp ftit ftit. Is-Sindku spjega li bhala Kunsill dejjem ipprotega r-rahal pero' bhala Kunsill irid jara l-proposti kollha li qed jigu proposti. Is-Sur Storace qal li huma ma jaqblu ma xejn ghax minn esperjenza li ghandu ta' l-izviluppatur ma jibnix pulit u l-ideja tieghu hija biss il-profit.

Ir-residenta qalet li ghax ghandek tuza art odz u ma tuzax djar li mhumiex uzati fiz-zona. Hija qalet li anke bhal Wied ir-Raghab ghandu jigi protett. Hija qalet li l-izvilupp ha jikkreja aktar *pollution*. Residenta ohra qalet li s-*selling point* hija t-triq biex juri li hija bzonnjuza. Kompliet li hija fiz-zona tat-turizmu fejn hemm hafna B&Bs. Is-Sindku qal li dawn diga qed joholqu problema ta' parkegg. Is-Sur Storace qal li l-ewwel johorgu triq imbghad bil-mod il-mod isiru kollha djar. Residenta qalet min jkun irid jigi jekk ikun hemm dan l-izvilupp. Ir-residenta qalet li jekk wara r-residenzi jitla' bini gholi dawn ser jispiccaw minghajr xemx u arja. Residenta ohra qalet li dan ser jikkreja *noise pollution*. Jekk ikun hemm dan l-izvilupp bil-krejns u affarijiet ohra in-nies ser jitbieghdu mil-lokalita'. Turisti li jigu hawn ghar-rahal mhux ser jibqu jigu jekk isir dan it-tip ta' zvilupp. Hija ziedet tghid li n-nies madwar Malta u Ghawdex xebghu jaraw krejns u concrete. Huma ma jixtiequx li fir-rahal ta' l-Gharb isir hekk. Is-Sur Storace qal li hemm hafna affarijiet li ser jintilfu u huwa qal li dan l-ispazju ser jintilef. Huma qalu li dan kollu ser jintilef ghad-detriment tal-Kunsill. Is-Sur Storace qal li suppost il-Kunsill diga ghandu l-vizjoni tieghu.

Is-Sindku qal li l-Kunsill irid jara l-prospettivi kollha biex jiehu l-ahar posizzjoni fl-interess tal-lokalita'. Is-Sindku offra li issir laqgha ohra.

Ir-residenti staqsew jekk l-posizzjoni li jkollu l-Kunsill tistax tigi diskussa mar-residenti fejn is-Sindku rega’ qal li jekk jixtiequ r-residenti l-Kunsill lest li jerga jiltaqa’. Is-Sur Storace baqa’ jghid li huma lesti li jiggieldu din il-protesta bil-mezzi kollha legali. Residenta staqsiet x’inhuma l-proposti li jridu jigu evalwati. Is-Sindku qal li l-Kunsill irid jiehu konsiderazzjoni ta’ kollox. Ir-residenta baqghet tirsisti li l-Kunsill qieghed hemm sabiex jipprotegi l-ambjent u r-residenti u jekk ihalli kollox isir ser ikun qed jmur kontra r-residenti. Is-Sur Storace qal li hemm art agrikola *brown area* li tista’ ssir tal-bini. Huwa qal li dawn l-eghlieqi kienu jinhadmu. Is-Sindku qal li l-punti kollha gew innotati.

11.21 Ir-residenti hargu mil-laqgha.

Is-Sindku ddeferixxa l-laqgha ghal Hamis 7 ta’ Ottubru, 2021 bl-istess agenda.

31.7.2 Il-laqgha spiccat fil-11.30am.

Konfermati minn

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv